**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 8 ta' Frar, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Charmaine Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 32/2020**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Charmaine Borg, ta' 41 sena, bint Joseph u Rita Grech nee' Mangion, imwielda Zurrieq, nhar is 7 ta' April, 1978 u residenti Santa Katarina, Triq Xrobb l-Ghagin, iz-Zejtun u u detentrici tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 206378 (M).

Akkuzata talli fiz-Zejtun, f'Awwissu, 2019 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zmien differenti imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda kkommettiet serq ta' flus liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna ghad-dannu ta' Joseph Spiteri u Nadia Abela Borg u/jew persuni ohra.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar il-25 ta' Jannar 2021 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta'liema il-Qorti ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi ghandu jinghad li l-imputata tghid li serqet is-somma ta' erbghat elef Euro pero l-parte civile jikkontendi li l-imputata serqet xi tlettin elf Euro. Din id-divergenza ma taghmel l-ebda differenza ai fini ta' htija ghaliex indipendentment jekk l-ammont misruq hux erbghat elef Euri jew tlettin elf Euro, ir-reat jibqa l-istess wiehed u cioe dak ta' serq aggravat bil-persuna u bil-valur fit-termini ta'l-artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ammont misruq in eccess tas-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu imsemmija f'l-artikolu 279(b) huwa determinanti biss ai fini ta' piena.

Illi fil-fatt dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi dwar l-ammont, u mis-sottomissjonijiet maghmula, jidher li sa qabel l-udjenza mizmuma fil-25 ta' Jannar 2021 il-parte civile Joseph Spiteri ma provdiex lill-prosekuzzjoni bi prova dokumentarja li turi l-ammont preciz misruq; huwa provda lill-prosekuzzjoni  biss b'kopji ta' filmati mehuda minn CCTV camera li hemm fil-hanut. Waqt id-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti Spiteri jghid li huwa jibbaza l-kontensjoni tieghu li l-ammont misruq huwa ta' tlettin elf Euro fuq zewg fatturi: il-projections li huwa ghamel dwar kif kellu jkun l-andament tan-negozju u l-konsegwenti qliegh mistenni, u fuq il-filmati li taghhom giet prezentata kopja. Spiteri jghid ukoll li qabel ma sar ir-rapport lill-pulizija huwa kien qed jipprova jilhqa ftehiem ma'l-imputata fis-sens li hu kien qed jitlob is-somma ta' hmistax il-elf Euro f'daqqa (lump sum) ghas-saldu. Jghid ukoll li r-ragel ta'l-imputat ammetta mieghu l-ammont taa' hmistax il-elf Euro u anke gew skambjati xi messaggi fuq il-mobile, messaggi li huma  riprodotti f'dokument esebit in atti[1].

Illi f'dan ir-rigward jibda biex jinghad li l-projections wahedhom zgur humiex prova sufficjenti ta'l-ammont misruq; il-fatt li Spiteri kellu aspettattiva ta' turnover f'certi ammonti mhux prova li n-negozju fil-fatt lahaq dik l-aspettattiva. Dwar il-filmati li taghhom gie esebieta kopja jinghad li fil-USB stick hemm 29 filmati[2]. Fil-maggoranza tal-filmati[3] tidher l-imputata li, fil-waqt

[1] Dok MC5.

[2] Minn dawn il-filmati hemm tnejn li huma l-istess: it-tieni wiehed u t-tnax il-wiehed li ttiehdu fil-5 ta' Awwissu 2019 fit-08:22hrs.

[3] F'l-ahhar zewg filmati: it-tnejn tat-8 ta' Awwisuu 2019 (wiehed f'l-09:59hrs u l-iehor 10:00hrs) juru l-mument meta l-imputata giet ikkonfrontata minn zewg persuni (il-parte civile) b'dak li kienet qed taghmel u tidher qed tohrog il-flus li kellha fil-but (ftit karti ta' l-ghoxrin Euro) u taghtihom lill-persuni li kienu qed

li qed tpoggi flus fil-kexxun tal-cash register wara li taghmel bejgh, tahbi xi karta jew karti ta' flus f'idejha (hafna drabi ta'l-ghoxrin Euro pero gieli anke ta'l-ghaxar Euro) u eventwalment idahhalhom fil-but. Minn dawn il-filmati mhux possibbli li wiehed jiddetermina kemm il-karta ta' flus hadet l-imputata. Zgur pero li mill-filmati ma jistax jinghad li ttiehdet is-somma ta' hmistax il-elf Euro u wisq anqas tlettin elf Euro. Lanqas il-messaggi li gew skambjati mar-ragel ta'l-imputata m'huma prova ta' l-ammont dovut ghaliex minkejja li hemm diversi skambji dwar jekk l-ammont dovut ghandux jithallas f'daqqa jew ratealment, u minkejja li jissemmew diversi cifri, minn imkien ma jirrizulta xi ftehiem fuq xi ammont partikolari. Wiehed lanqas ma jista' jinsa li dawn il-messaggi ma gewx skambjati ma'l-imputata; konsegwentement anke kieku ghal grazzja ta'l-argument wiehed kellu jinterpretahom bhala xi accettazzjoni ta' xi ammont partikolari, ai fini tal-proceduri odjerni ma jistghux jitqiesu bhala accettazzjoni da parti ta' l-imputata.

Illi fin-nuqqas ta' xi prova 'l hemm minn kull dubbju dedatt mir-raguni li l-ammont misruq huwa ta' tlettin elf Euro jew xi ammont specifiku iehor u la darba l-imputata ammettiet li hija serqet cirka erbghat elef Euro l-Qorti ser taccetta dan l-ammont bhala dak misruq.

Illi aktar minn hekk u dejjem dwar il-piena li ghandha tigi imposta l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija, il-fedina penali netta taghha, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268(a) u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn. Inoltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt xhur thallas lill-parte leza s-somma ta' erbat elef Euro.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**

---

jikkonfrontawha. Hemm xi filmati ohra fejn ma jistax jinghad b'certezza jekk l-imputata haditx flus; dawn huma l-filmati numru 5, 6, 9, 11, 14, 20 u 22.